MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 313/1993/1

**Alfred Fenech**

**vs**

**Joseph Zarb ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Zarb Stores Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Marzu 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi b'hire purchase agreement datat 19 ta' Mejju 1989 l-attur xtara minghand is-socjeta konvenuta dghajsa tal-marka Albatross 565 flimkien ma magna Cobra 130 OMC bil-prezz ta' LM7024 li thallas kollu mill-attur;

Illi din il-magna baqghet ma hadmitx tajjeb u giet msewwija diversi drabi u kull darba jerga jinqala xi haga differenti;

Illi l-attur minhabba dan talab parir minghand l-espert tekniku William Cassar Torregiani u dan b'rapport datat 15 ta' Frar 1993 iccertifika li din il-magna hija difettuza u ma tistax tigi uzata ghall-uzu li giet mixtrija u konsegwentement id-dghajsa kollha ma tistax tigi uzata;

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta bieghet id-dghajsa tal-marka Albatross 565 flimkien ma magna Cobra 130 OMC b'vizzju redibitorju;

2. tiddikjara li konsegwentement jigi rexiss il-bejgh tal-imsemmi;

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-prezz li dan hallas ghall-istess dghajsa u cioe sebat-elef u erba u lghoxrin lira (LM7024).

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-bejgh l-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Preliminarjament u bla pregudizzju l-irritwalita` tac-citazzjoni stante illi l-attur jallega li kien hemm difett latenti fil-magna Cobra biss u mhux ukoll fid-dghajsa u ghalhekk a tenur tal-Artikolu 1428 u seta biss jagixxi a rigward l-imsemmija magna;

2. Preliminarjament u bla pregudizzju illi l-azzjoni tentata mill-attur hija preskritta a tenur tal-Artikolu 143l tal-Kodici Civili;

3. Fil-mertu u bla pregudizzju illi l-oggetti mertu tal-kawza odjerna m'huma afflitti minn ebda difett latenti;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu gie nominat Joseph Bezzina bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-26 ta' Settembru 1997;

Rat id-digriet tad-9 ta' Dicembru 1997 li permezz tieghu giet michuda t-talba tal-konvenut nomine ghall-isfilz tar-rapport tal-perit tekniku izda giet milqugha t-talba tiegu biex iressaq il-provi;

Rat id-digriet tal-25 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja l-Avukat Dottor M'Dolores Gauci sabiex tigbor il-provi;

Rat id-digriet tas-17 ta' Gunju 1998 li permezz tieghu l-inkarigu tal-perit tekniku gie estiz sabiex jaghmel rapport addizzjonali wara li jsiru verifiki ulterjuri;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Din hija azzjoni redibitorja skond l-artikolu 1427 tal-Kodici Civili li permezz taghha l-attur qieghed jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh li bih huwa xtara minghand il-konvenut nomine dghajsa tal-marka Albatross fid-19 ta' Mejju 1989, kif ukoll qed jitlob ir-radd tal-prezz minnu mhallas. Sabiex tali azzjoni tirnexxi, trid issir, stante li si tratta ta' oggett mobbli, fi zmien xahar (kif allura kienet il-ligi vigenti) minn dakinhar tal-bejgh jew minn meta x-xerrej seta' jikxef id-difett, id-difett irid ikun wiehed mohbi, u li kien jezisti meta sar il-bejgh.

Fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu l-konvenut nomine eccepixxa li l-azzjoni hi preskritta proprju a tenur ta' l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili, u fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jikkummenta dwar din l-eccezzjoni u jirreferi ghall-fatt li gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna li t-terminu ta' xahar stabilit bl-imsemmi artikolu huwa terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni. Dan huwa kollu minnu. Izda permezz ta' sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Gunju 1994, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut nomine giet michuda wara li kkunsidrat illi:

*"Il-Qrati taghna ripetutament kellhom l-okkazjoni li jikkonfermaw illi jekk min ikun forna l-oggett li dwaru hemm il-lanjanza jkun baqa' jassumi r-responsabbilta` ghat-tiswija ta' l-istess, allura ma jistax jinghad illi t-talba dwar id-difett latenti hija preskritta. L-attur jidher li agixxa f'inqas minn xahar minn meta kellu konferma da parti ta' William Cassar Torreggiani ghar-rigward tad-difett in kwistjoni"*.

Ghalhekk dwar din l-eccezzjoni m'hemm xejn aktar x'jinghad.

Barra minn hekk bl-istess sentenza preliminari giet milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine peress li gie deciz li kwalunkwe difett li ghandha l-magna m'ghandu l-ebda konnessjoni mad-dghajsa nnifisha. Ghalhekk din il-Qorti trid tiddetermina jekk, meta l-attur xtara d-dghajsa in kwistjoni minghand il-konvenut nomine, kienx jezisti difett mohbi fil-magna ta' din id-dghajsa.

Fil-premessi tieghu fic-citazzjoni l-attur ighid li l-magna tad-dghajsa li xtara baqghet ma hadmitx tajjeb u giet imsewwija diversi drabi u kull darba jinqala' xi haga differenti. Huwa esebixxa rapport imhejji minn William Cassar Torreggiani li gie nkarigat minnu bhala espert *ex parte*. F'dan ir-rapport datat 15 ta' Frar 1993, l-imsemmi espert jirreferi ghall-fatt li s-sump tal-magna gie sostitwit ma' iehor peress li l-original kien ittaqqab minhabba pitting ftit zmien wara li kienet stallata u uzata l-magna u hareg iz-zejt tal-lubrication u b'hekk gralha hsara. Ighid li l-

magna dejjem baqghet bid-difetti tant li l-agent kien biddel parts li baqghu johorgu l-istess difetti. Ghalhekk jikkonkludi li l-magna kienet u baqghet difettuza.

Fl-affidavit tieghu l-attur jispjega s-sekwenza ta' l-ilmenti tieghu:

Meta xtara d-dghajsa f'Mejju 1989, uzaha u kollox hadem tajjeb. Meta uzaha f'Gunju u Lulju beda jsib iz-zejt taht il-magna. Mis-socjeta` konvenuta qalulu li jrid jaghmel xi welding. Ghamlulu xi riparazzjonijiet fis-sump li hallas ghalihom. Is-sena ta' wara rega' kellu l-inkwiet u s-socjeta` konvenuta bidlitlu s-sump kompletament. Tax-xoghol hallas hu. Izda xorta baqa' bil-problema li kull darba li johrog bid-dghajsa jonqoslu z-zejt. Regghu saru xi tibdiliet mis-socjeta` konvenuta li hallas ghalihom f'Jannar 1992. Fis-6 ta' Gunju vara d-dghajsa u hareg in-neputi tieghu biha izda waqfet ghax hareg iz-zejt. Bejn dan l-incident u l-ewwel gimgha ta' Lulju ha d-dghajsa lura ghand is-socjeta` konvenuta tliet darbiet u kull darba kienet issewwi xi haga izda l-problema li jonqos iz-zejt tibqa' l-istess.

Kif jirrizulta mill-ewwel rapport ta' l-espert tekniku nominat mill-Qorti, Joseph Bezzina, gie kkonfermat li l-magna kienet qed titlef iz-zejt. Huwa jghid fl-imsemmi rapport li *"the cause of this alarming oil consumption could not be ascertained. It is however a fact that the engine suffers from a high defect and indeed abnormal for a four stroke engine. It can also be definitely stated that the boat is unsafe with the engine in this condition and in fact cannot be used in a normal way"*.

Sussegwentement, pero`, l-istess perit tekniku gie nkarigat jispezzjona l-magna u sahansitra jzarmaha biex ikun jista' jiddetermina x'kien qieghed jikkawza dan it-telf ta' zejt. Effettivament huwa sab li l-hela ta' zejt kien dovut ghall-fatt li l-expanders tal-oil control rings kienu izghar hafna milli suppost u b'hekk iz-zejt kien jitla' fil-combustion chamber u jintrema ghal barra. B'danakollu jirrizulta li dawn ir-rings kienu tqieghdu meta saru x-xoghlijiet li ghalih jirreferi l-kont ta' l-24 ta' Jannar 1992 u ma kinux l-kawza originali tat-telf ta' zejt.

Difatti meta l-perit tekniku xehed in eskussjoni (ara xiehda tieghu tal-15 ta' Marzu 2000) huwa qal li *"bhala magna ma jidhirlix li kien fiha difetti u l-'wear' li kellha huwa normali ghas-sighat li ghamlet"*.

Huwa veru li kien hemm problemi fil-bidu: is-sump li nbidel kompletament, u l-overheating (ara l-ittra ta' l-attur tas-16 ta' Lulju 1992 lis-socjeta` konvenuta) li wassal ghax-xoghlijiet f'Dicembru 1991/Jannar 1992. Izda dak li fl-ahhar mill-ahhar induca lill-attur jinizja dawn il-proceduri kien it-telf ta' zejt li beda jigri wara dawn l-ahhar xoghlijiet, meta allura jirrizulta li tqieghdu expanders tal-oil control rings izghar milli suppost mis-socjeta` konvenuta, u ghalhekk ma kienx dovut ghal xi difett mohbi ezistenti meta l-attur xtara d-dghajsa. U d-difett inizjali fis-sump, galadarba dan inbidel, ma jistax jigi kkunsidrat ghall-finijiet tat-talbiet attrici. Bhalma lanqas ma tista' titqies il-problema ta' l-overheating li grat fis-sajf ta' l-1991 u li ma giex pruvat li kien dovut ghal xi difett mohbi.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jidher li, filwaqt li l-attur ghandu jew jista' jkollu drittijiet ohra kontra s-socjeta` konvenuta, it-talbiet attrici bazati fuq l-vizzju redibitorju ma jistghux jigu milqugha. Minhabba l-istess cirkostanzi pero` ghandu jkun hemm temperament fl-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------